# 27. Il-Għammiela tar-Razzett

Fil-qala tal-Aħrax, bil-ġebel u l-ħamri,
razzett bena Ġamri kif ħa lil Marì;
malajr il-għammiela fih bejtet u saffret
ta-ta', ta-ta', ta-ti'.

Fis-sajf Ġamri qiegħed maċ-ċint l-ewwel qara'
u l-ewwel tarbija welditlu Marì;
u saffret l-għammiela minn ġewwa r-rewwieħa
ta-ta', ta-ta', ta-ti'.

U kiber il-bajtar, u kiber l-għambaqar
li ħawlu bis-sabar dawk Ġamri u Marì;
u saffret l-għammiela ma' wliedha fis-siġar
ta-ta', ta-ta', ta-ti'.

Biż-żmien Ġamri niżel, u smaga, u mat-trejqa
qagħad jiġri bil-ħatar, u mietet Marì;
u saffret l-għammiela ġol-pin fuq il-qabar
ta-ta', ta-ta', ta-ti'.

U miet ukoll Ġamri, 'mma l-qara' kull sena
fis-sajf għadu jħammar maċ-ċint ta' Marì;
u ssaffar l-għammiela minn ġewwa r-rewwieħa
ta-ta', ta-ta', ta-ti'.